**14 ta' Awissu, 1991**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

L-Onorevoli Lawrence sive Lorry Sant *et*

**Preskrizzjoni ta' l-Azzjoni Kriminali - Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja - Inappellabilità**

*Meta tingħalaq il-kumpilazzjoni, l-Qorti Istruttorja għandha skond il-liġi tipproċedi b'wieħed mis-segwenti tlett modi: 1) tiddeċidi li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, u tibgħat lill-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali; 2) tiddeċidi li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u tordna l-liberazzjoni tiegħu; 3) jekk ikun jidhrilha li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, iżda ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-Qorti li tkun mexxiet il-kumpilazzjoni għandha tagħti s-sentenza fuq ir-reat.*

*Il-liġi ma tikkuntempla ebda appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Jekk id-digriet ta' din il-Qorti f'għeluq il-kumpilazzjoni ma jkunx konformi fis-sostanza ma' dak li jippreskrivi l-Kodiċi Kriminali, dak id-digriet mhux appellabbli, iżda l-Avukat Ġenerali jkollu dritt li jipproċedi a tenur ta' l-art. 432 (2) tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti:- Rat l-atti tal-kompilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bl-imputazzjonijiet segwenti:

*Omissis*;

Rat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-16 ta' Mejju, 1991 fit-terminu segwenti:

**Onorevoli Lawrence Sant**

A bażi ta' riżultanzi oħrajn, apparti l-preskrizzjoni, il-Qorti tiddikjara li l-imputat Onorevoli Lawrence Sant ma għandux jitqiegħed taħt att ta' akkuża dwar addebiti konnessi max-xhud Joseph Borg, u lanqas dwar dawk l-addebiti konnessi max-xhud Winston Carbone fil-konfront tal-artijiet Ta' Brolli u minnhom tilliberah;

Il-Qorti ssib li ma hemmx raġunijiet biżżejjed minħabba l-preskrizzjoni tal-azzjoni biss biex dan l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża fuq l-addebiti l-oħrajn ħlief għall-akkużi (h) u (i);

Dwar dan l-addebitu, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 403 (1) tal-kapitolu 9, peress illi dawn ir-reati huma ta' kompetenza ta' din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sejra tgħaddi

biex tiddeċidi l-addebitu hija stess, f'sentenza separata wara li tisma' is-sottomissjoni tad-difiża;

**Piju Camilleri**

A bażi ta' riżultanzi oħrajn, apparti l-preskrizzjoni, il-Qorti tiddikjara li l-imputat Piju Camilleri ma għandux jitqiegħed taħt att ta' akkuża dwar l-addebiti li kien kompliċi ma' u li kkorrompa lill-imputat Onorevoli Lawrence Sant u dwar l-addebiti konnessi mal-imputat Victor Balzan u minnhom tilliberah;

Il-Qorti ssib li ma hemmx raġunijiet biżżejjed minħabba l-preskrizzjoni tal-azzjoni biss biex dan l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża fuq l-addebiti l-oħra;

**Victor Balzan**

Il-Qorti ma ssibx li hemm raġunijiet biżżejjed biex dan l-imputat jitqiegħed taħt akkuża għall-ebda wieħed mill-addebiti u minnhom tilliberah

**Giuseppe sive Joseph Camilleri**

Il-Qorti ma ssibx li hemm raġunijiet biżżejjed biex dan l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża għall-ebda wieħed mill-addebiti u minnhom tilliberah;

**Joseph Pace**

Il-Qorti ssib li ma hemmx raġunijiet biżżejjed minħabba

l-preskrizzjoni tal-azzjoni biss biex dan l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża fuq l-addebiti miġjuba kontra tiegħu;

**Ġanni sive John Camilleri**

A bażi ta' riżultanzi oħrajn , apparti l-preskrizzjoni, il-Qorti tiddikjara li l-imputat John Camilleri ma għandux jitqiegħed taħt att ta' akkuża dwar l-addebiti fuq l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' Winston Carbone u minnhom tilliberah;

Il-Qorti ssib li ma hemmx raġunijiet biżżejjed minħabba l-prekrizzjoni tal-azzjoni biss biex dan l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża fuq l-ewwel mputazzjoni fil-konfront ta' Winston Carbone;

Rat ir-rikors tal-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tbiddel, tvarja u tirriforma din is-sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha f'dawk il-partijiet fejn iddikjarat li, apparti l-preskrizzjoni, kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-Onorevoli Lawrence sive Lorry Sant, Pius sive Piu Camilleri, Joseph Pace u Ganni sive John Camilleri jitqegħdu taħt att ta' akkuża dwar l-addebiti ndikati fl-istess sentenza, tirrevokaha, tħassarha u tannulha fil-bqija u tibgħat il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti biex titkompla skond il-Liġi;

Rat ir-risposti ta' l-appellati li fl-ewwel lok issottomettew sostanzjalment li din il-Qorti ma għandhiex kompetenza biex tisma' dan l-appell u li l-appell huwa null billi d-deċiżjoni appellata m'hiex appellabbli skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħrajn u semgħet it-trattazzjoni ta' l-avukati dwar l-eċċezzjonijiet imsemmijin;

Tikkunsidra limitatament għall-istess eċċezzjonijiet illi:

1. Il-fatti rilevanti li jirrigwardaw dawn l-eċċezzjonijiet huma is-segwenti. L-appellati ġew imressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bl-imputazzjonijiet fuq imsemmijin. Dawn l-imputazzjonijiet kienu dwar reati li jeċċedu l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-Ewwel Qorti pproċediet bil-kumpilazzjoni. F'għeluq din il-kumpilazzjoni, fis-16 ta' Mejju, 1991, l-Ewwel Qorti tat id-deċiżjoni fuq imsemmija, li minnha qiegħed jappella l-Avukat Ġenerali;

2. Il-bażi ta' l-eċċezzjonijiet preliminari msemmija hi li din id-deċiżjoni m'hiex waħda, sentenza jew digriet interlokutorju, tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Kriminal Ġudikatura, iżda deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Minn deċiżjoni tal-Qorti Istruttorja ma hemmx fil-liġi dritt ta' appell;

3. L-appellant jaqbel li deċiżjoni mil-Qorti Istruttorja m'hiex appellabbli. Dan il-punt mhux kontestat. L-appellant jissottometti sostanzjalment li l-Ewwel Qorti bdiet il-kumpilazzjoni ta' l-appellati bħala Qorti Istruttorja, però bid-deċiżjoni tagħha tas-16 ta' Mejju, 1991 hija rrisolviet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Bħala konsegwenza, igħid l-appellant, din id-deċiżjoni hija skond il-liġi appellabbli. Difatti fir-rikors tiegħu l-appellant isejħilha sentenza;

4. L-appellant issottometta li l-Ewwel Qorti arrogat lilha nnifisha kompetenza li qatt ma kellha, iddeċċidit il-każ fil-mertu billi anke daħlet fil-preskrizzjoni ta' xi wħud mill-akkużi, u mpediet lill-pulizija milli ġġib prova indipensabbli biex isaħħaħ l-akkuża. Fir-rikors tiegħu l-appellant kompla jgħid li minkejja pronunzjament li għamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza fis-sens li ma kinitx qegħda tiddeċidi fuq il-mertu, u li f'dak l-istadju kienet sempliċement Qorti Istruttorja, dak li **effettivament** u **rejalment** għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti kien li ddeċidit **fil-mertu** u dan meta ma kinetx hekk kompetenti minħabba n-natura tar-reati addebitati u meta ma kienx hemm il-kunsens għall-proċedura sommarja *ab initio* skond is-sub artikolu (4) ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali u wisq anqas ma ingħatat tali kompetenza bl-operat tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu msemmi;

5. L-appellant fir-rikors tiegħu indika diversi ċirkostanzi li juru li l-Ewwel Qorti rrisolviet ruħha f'Qorti ta' Kriminal Ġudikatura. Issottometta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament fil-**mertu**, għamlet valutazzjoni tal-provi u anki spiċċat biex addirittura ddikjarat li ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed **minħabba preskrizzjoni ta' l-azzjoni biss** biex xi wħud mill-appellati jitqegħdu taħt att ta' akkuża fuq xi wħud mill-addebiti. B'dan il-mod, igħid l-appellant, id-deċiżjoni in kwistjoni kienet fir-realtà sentenza fuq il-mertu mogħtija mill-Ewwel Qorti rejalment konvertita f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u hekk appellabbli skond l-artikolu 413 tal-Kodiċi Kriminali;

6. In sostenn tat-teżi tiegħu l-appellant iċċita fost sentenzi oħrajn, dik ta' din il-Qorti tal-11 ta' April, 1984 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Dr. Joseph Cassar Galea LL.D.. Din is-sentenza ġiet mogħtija fuq appell mill-Avukat Ġenerali minn deċizjoni

tal-Qorti tal-Maġistrati. Din, wara li ddikjarat li kienet ingħalqet il-kumpilazzjoni, wara li rat l-artikolu 413 (illum 401) tal-Kodiċi Kriminali, iddeċidit li peress li l-azzjoni kienet preskritta, iddikjarat li ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u għalhekk ordnat il-liberazzjoni tiegħu u li l-attijiet tal-kumpilazzjoni jiġu mibgħuta *lill*-Avukat Ġenerali skond il-liġi;

7. L-appellat f'dak l-appell eċċipixxa l-inappellabilità tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Istruttorja a tenur ta' l-artikolu 413 (2) (illum 401(2)) tal-Kodiċi Kriminali u li r-rimedju li talvolta kien jispetta lill-prosekuzzjoni kien dak provdut fl-artikolu 445 (3) (il-lum 433(3)) ta' l-istess Kodiċi. Bis-sentenza tagħha tal-11 ta' April, 1984 din il-Qorti kkonkludiet (1) li ma kinitx fil-ġurisdizzjoni ta' l-Ewwel Qorti bħala Qorti Istruttorja li tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni; (2) li l-ewwel Qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni tiddeċidi definittivament il-ħtija *o meno* tal-appellat għax f'ebda ħin ma ddikjarat kif *del resto* ma setetx fiċ-ċirkostanzi tagħmel, illi r-reati dedotti ma kienux ta' kompetenza esklussiva tagħha; (3) illi meta lliberat fis-sens definittiv li ngħad lill-impurtat kienet qed tiddeċidi fuq reati li ma kellhiex gurisdizzjoni tiddeċidi fuqhom; (4) li għalkemm bil-vesti ta' Qorti ta' l-Istruttorja, l-Ewwel Qorti ġiet li ddeċidit bħala Qorti ta' Kriminal Ġudikatura, u d-deċiżjoni appellata ma tistax ħlief kelma waħda titqies bħala sentenza vera u proprja; (5) li l-appell interpost hu fondat ukoll għax Qorti ta' Istruttorja ma tista' tillibera f'sens ta' *acquittal* imma f'sens ta' *discharge* biss;

8. Din il-Qorti kif attwalment presjeduta taqbel ma' dawn il-konklużżjonijiet ħlief għas-segwenti. Ma taqbilx li deċiżjoni

mogħtija minn Qorti Istruttorja għandha qatt tiġi ekwiparata ma' sentenza vera u proprja mogħtija minn Qorti ta' Kriminal Ġudikatura, u għalhekk appellabbli skond l-artikoli 413 *et seq* tal-Kodiċi Kriminali, sakemm dik id-deċiżjoni ma tkunx mogħtija fl-ipotesi preċiża kontemplata fl-artikolu 403 (1) tal-Kodiċi Kriminali, li ser jiġi ċitat hawn taħt fil-paragrafu li ġej;

9. Di fatti meta tingħalaq il-kumpilazzjoni, il-Qorti Istruttorja għandha skond il-liġi tipproċedi b'wieħed mis-segwenti tlett modi:

(1) Tiddeċidi li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, u tibgħat lill-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali (artikolu 401 (2) Kodiċi Kriminali);

(2) Tiddeċidi li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkukża, u tordna l-liberazzjoni tiegħu (artikolu 401 (2) Kodiċi Kriminali);

(3) Jekk ikun jidhrilha li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, iżda ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-Qorti li tkun mexxiet *il-kumpilazzjoni* għandha *tagħti s-sentenza fuq ir-reat* (artikolu 403 (1) Kodiċi Kriminali);

10. Il-Qorti Istruttorja, meta tingħalaq il-kompilazzjoni, ma għandha ebda mod ieħor li tipproċedi skond il-liġi ħlief b'wieħed mit-tlieta ndikati fil-paragrafu preċedenti. Bit-tielet mod hija, *skond il-liġi, tikkostitwixxi* sentenza vera u proprja appellabbli skond ir-regoli preskritt fl-artikoli 413 sa 429 tal-Kodiċi Kriminali, liema artikoli flimkien jiffurmaw is-subtitolu

msejjaħ Fuq l-Appell *mis-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala* Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

11. F'kaz li f'egħluq il-kompilazzjoni, l-Qorti Istruttorja tipproċedi b'wieħed mill-modi (1) u (2) fil-paragrafu 9 hawn fuq, id-deċiżjoni tagħha ma tistax tkun ħlief dik preskritta mill-liġi, jiġifieri hemmx jew le raġunijiet biżżejjed biex jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Probabilment mhux kull Maġistrat jaħsibha bħall-ieħor dwar il-konsiderazzjoni li għandhom iwasslu għal deċiżjoni u mhux għall-oħra. Lanqas evidentement ma jaħsbuha l-istess il-Maġistrati dwar jekk id-digriet ta' egħluq il-kumpilazzjoni għandux ikun wieħed sempliċi ta' ħames rigi, motivat ta' per eżempju tmienja u għoxrin faċċata bħal dak tal-kaz preżenti. Dak li huwa essenzjali hu fis-sostanza tiegħu dak id-digriet ikun fih id-dikjarazzjoni li hemm jew m'hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża;

12. Inoltre id-digriet tal-Qorti Istruttorja f'egħluq il-kompilazzjoni, apparti minn meta *tikkonverti ruħha* f'Qorti ta' Kriminali Ġudikatura skond l-artikolu 403 tal-Kodiċi Kriminali, għandu ipoġġi lill-Avukat Ġenerali fi grad li jkun jista' jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu skond il-liġi. Jiġifieri l-Avukat Ġenerali, in segwitu għal dak id-digriet, għandu jkun f'pożizzjoni li jippreżenta l-att ta' l-akkuża (art.432 (1) Kap.9) li jordna l-liberazzjoni ta' l-imputat (artikolu 433 (1) Kap.9), li bil-qbil ma wieħed mill-Imħallfin joħroġ mandat għall-arrest tal-persuna liberata mill-Qorti Istruttorja (433 (3) Kap.9) jew li jibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati biex tiddeċidi hi fuq l-akkuża tar-reat (artikolu 433 (6) Kap.9);

13. Il-liġi *ma tikkontempla* ebda appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Jekk id-digriet ta' din il-Qorti f'egħluq il-kompilazzjoni ma jkunx konformi mas-sostanza ma' dak li jippreskrivi l-artikolu 401 (2) tal-Kodiċi

Kriminali, dak id-digriet mhux appellabbli. Lanqas isir appellabbli dak id-digriet minħabba li jkun b'xi mod ifixkel jew addirittura jxekkel lill-Avukat Ġenerali fil-funzjonijiet tiegħu fuq aċċennati. Dana proprju għaliex il-liġi ma tikkontemplax tali appell, *ubi lex voluti dicit;*

14. Dak li tikkontempla l-liġi f'dan ir-rigward jidher li jinsab fl-artikolu 432 (2) tal-Kodiċi Kriminal. Dan jiddisponi: "Meta l-atti tal-kompilazzjoni jkunu difettużi billi ma jkunux tħarsu xi disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra dwar l-atti, l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat l-atti lura lill-Qorti li minn għandha jkun irċivihom, flimkien ma' talba bil-miktub biex il-Qorti terġa' tibda mill-ġdid il-kompilazzjoni jew biex l-atti jiġu ikkorreġġuti, skond iċ-ċirkustanzi, billi jsemmi d-difett u d-disposizzjoni ta' dan il-Kodiċi jew ta' dik il-liġi oħra li jkunu jgħoddu għall-każ;

15. Fil-kaz odjern, l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni appellata, fil-waqt li hi vvalutat il-provi kif dehrilha, li iddikjarat espressament li f'dak l-istadju hija kienet sempliċement Qorti Istruttorja "il-funzjonijiet tagħha huma limitati biss sabiex tiddetermina jekk hemmx, raġunijiet biżżejjed biex l-imputati jitqegħdu taħt att ta' akkuża u tieqaf hemm". L-Ewwel Qorti f'dik id-deċiżjoni finalment spiċċat biex, fil-waqt li semmiet il-kunsiderazzjoni tal-preskrizzjoni, ddikjarat jekk kienx hemm jew le raġunijiet biżżejjed biex l-imputati jitqegħdu taħt att ta' akkuża;

16. Mill-premess li l-Ewwel Qorti Istruttorja ma qalitx, u ma jidhirx mit-termini adoperti minnha, li rrisolviet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-Ewwel Qorti ma qalitx li kien jidhrilha li r-reat in kwistjoni ma kienx ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali iżda ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Apparti li dan ma qalitux,

ma jidhirx li dawk ir-reat kienu ta' kompetenza tagħha bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-Ewwel Qorti ma qalitx u ma jidhirx mid-deċiżjoni, li kienet qegħda tagħti jew kellha l-ħsieb l-ħsieb li tagħti sentenza fit-termini kontemplati fl-artikolu 403 (1) tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura;

17. Jidher għalhekk li d-deċiżjoni appellata tikkostitwixxi fir-realtà d-digriet tal-Qorti Istruttorja li kellu *jiġi mogħti* fit-termini ta' l-artikoli 401 (2) tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk inappellabbli. F'kaz li l-Avukat Ġenerali deherlu li dak id-digriet kien difettuż, huwa ma kellux dritt ta' appell minnu, iżda d-dritt li jipproċedi a tenur ta' l-artikolu 432 (2) tal-Kodiċi Kriminali ċitat fil-paragrafu 14 hawn fuq. F'dan ir-rigward, u f'kull rigward ieħor, jiġi notat li mill-atti ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti, f'egħluq il-kompilazzjoni, ordnat li l-atti tal-kompilazzjoni flimkien ma' l-oġġetti li għandhom x'jaqsmu mad-delitt jiġu mibgħuta fi żmien tlett ijiem utili lill-Avukat Ġenerali;

18. "Jiġi notat wkoll, għal kull buon fini, li fis-16 ta' Mejju, 1991, l-Ewwel Qorti *tat* dan id-digriet seperat mill-ieħor: Wara li ngħalqet il-kompilazzjoni tal-provi kollha miġjuba quddiemha kontra l-imħarr (kin), tiddeċidi illi ma hemmx *(sic)* raġunijiet biżżejjed biex l-istess imħarrkin jitqegħdu taħt att ta' akkuża";

Għall-motivi premessi tiddeċidi billi tiddikjara d-deċiżjoni fuq imsemmija inappellabbli, u l-appell irritu u null.